# HENRIK IBSEN

Studju Letterarju ta' ANTON CALLEJA, B.A.

*(Henrik Ibsen twieled f'raħal Norveġiż f'Marzu 1828; kien għal xi żmien jaħdem ma' spiżjar u fl-1850 telaq għal Kristjanja minn fejn mar bħala "stage-poet" f'Bergen. Reġa' lura fi Kristjanja fl-1855 bħala direttur tat-Tejatru Ġdid Norveġiż; imma mħabba l-idejat tiegħu li ma kienu jaqblu xejn ma' dawk tal-Gvern, telaq minn rajh min-Norveġja fl-1864; mar lura għal kollox fi Kristjanja fl-1891, fejn baqa' sa ma miet fl-1906.*

QUDDIEM it-Tejatru Nazzjonali Norveġiż fi Kristjanja hemm żewġ statwi: Bjorson u Ibsen—it-tnejn kittieba drammatiċi kbar Norveġiżi li n-Norveġja bir-raġun tiftaħar bihom. Illum se nitkellmu fuq Ibsen imma qabel xejn hemm bżonn ngħidu kelmtejn biex niftiehmu aħjar. Għaliex x'jolqotna llum aħna hawnhekk Ibsen, u l-iktar lilna fl-Għaqda tal-Malti, li għandha għal qalbha fuq kollox Malta Maltija dan il-kittieb Norveġiż? Ir-rabtiet bejnietna huma iżgħar ħafna: hawnhekk taħt ix-xemx kollox hu maqtugħ u magħżul; fit-tramuntana hemm iċ-ċpar u l-uħux li joħorġu minnu. Hawnhekk qegħdin f'nofs il-kultura Latina; Ibsen u n-Norveġja jafu s-saħħa tagħhom lill-*vikings* u lil mitoloġija nordika. Jekk hemm xi ħolqa bejnietna hi forsi l-baħar, imma l-baħar tagħna anqas jixbaħ ħafna lil dawk il-wesgħat kbar ta' ilma tan-naħa ta' fuq fejn donnhom sema u baħar jingħaqdu f'saħħa waħda li twaħħax u, fl-istess ħin tiġbed.

Ma' dan kollu hemm xi ħaġa f'Ibsen li ġġiegħlna naħsbu fih. Għax Ibsen hu fuq kollox ġenju, u ġenju bħal dan, ikun marbut ma' artu kemm ikun, ikun ukoll ta' bilfors, imħabba d-dawl li jitfa' fuq ruħ il-bniedem, ċittadin tad-dinja. It-tieni jidhirli li Ibsen għandu messaġġ speċjali għad-dinja llum, għax hu jemmen fl-individwu u tajjeb li llum meta l-individwalità ta' kull wieħed hi b'mod jew ieħor imhedda, niftakru ma' Ibsen li fil-perfezzjoni ta' l-individwi, wieħed, wieħed, u mhux fit-tagħfiġ tal-merħla tista' soċjetà tinbena fuq sisien tajba. Għal Malta mbagħad iktar minn kull pajjiż ieħor ifisser Ibsen illum, għax hu kien imħabbat bi problemi soċjali li minn pajjiżi oħra għaddew u mietu imma għalina għadhom ġodda u ħajjin. Ibsen għex u ħadem fl-aħħar kwart tas-seklu li għadda meta dik il-mewġa li għadha kemm til-

ħaqna kienet mifruxa ma' l-Ewropa kollha. Wieħed minn l-aħħar drammi li kiteb li hu wkoll awtobijografiku, *Bygmestere Solness* (Il-Bennej Solness) jitfa' dawl fuq dan ix-xogħol ta' Ibsen. Għax il-Bennej, li hu Ibsen stess, igħid li sa dak in-nhar hu kien bena "djar għal bnedmin" imma li minn dak in-nhar 'il quddiem hu kien bi ħsiebu jibni "torrijiet fl-ajru". Id-djar għal bnedmin huma d-drammi soċjali bħal *Et Dukkehjem* (Id-Dar tal-Pupa), *Samfundets Stotter* (Il-Kolonni tas-Soċjetà), *De Unges Forbund* (L-Għaqda taż-Żgħożija), *Hedda Gabler, En Folkefiende* (L-Għadu tal-Poplu), u, b'xi mod, *Gengangere* (Uħux). It-torrijiet fl-ajru huma d-drammi kbar simboliċi ta' l-aħħar bħal *Bygmestere Solness* stess, *Lille Eyolf* (Ejolf iż-Żgħir), *Johan Borkman*, u, l-aħħar waħda, *Naar vi Dode Vaagner* (Meta Nqumu Aħna l-Mejtin). Imma għażla bħal din ma tistax tfisser ħafna għax il-ġenju ta' Ibsen idawwal kullma kiteb u s-simboliżmu jidħol ukoll fid-drammi soċjali; jerfagħhom u jaqtagħhom miż-żmien. Dan hu li jagħżel kittieb minn ieħor u li jgħolli 'l Ibsen fuq kittieba oħrajn drammatiċi li ħabbtu moħħom bi kwistjonijiet soċjali,. bħal, ngħidu aħna, Bernard Shaw.

Illum qegħdin naraw, biex insemmu ħaġa waħda biss, li l-mara Maltija qiegħda tħoss li hi wkoll għandha tgħix il-ħajja tagħha u li ma tkunx iktar biss pupa. Fi żmien Ibsen dan kien jinħass fin-Norveġja u fil-kuntinent kollu, u Ibsen, ta' kittieb drammatiku li kien, iqiegħdilna l-problema fl-ewwel dramm soċjali li kiteb "Id-Dar tal-Pupa". Nora hi l-pupa li r-raġel kien iżomm biss bħal tarbija mħajma. Imma hi tinduna li hi wkoll għandha l-ħajja individwali tagħha u biex tgħix din il-ħajja tħalli kollox, dar, raġel u tfal, u titlaq għal rajha. Dramm bħal dan ma setax, fi żmenijiet bħal dawk, ma jqajjimx diskussjonijiet dwar jekk Nora tagħmilx sewwa li tħalli kollox biex tiżviluppa l-individwalità tagħha, u jekk biex tgħix ħajjitha kienx hemm bżonn tagħmel dan. Ibsen jidher donnu iktar jaħseb fuq id-drittijiet tal-mara milli fuq dmirijietha : Nora tħalli mhux biss ir-raġel imma t-tfal ukoll. Imma għandna niftakru li bħala artist Ibsen kien jolqtu biss li juri l-marda x'inhi : għal ħaddieħor il-fejqan u kif għandu jsir. Għamlet x'għamet Nora, sew jew ħażin, mill-ittri tiegħu jidher li Ibsen stess kien jemmen, kif kien jemmen ukoll D. H. Lawrence, li l-mara tista' tgħix ħajjitha u tisviluppa l-individwalità tagħha f'dik l-isfera li għaliha hija maħluqa u mhux fi sferi, li mħabba n-natura tagħha ma jgħoddux għaliha. Innisa, kien igħid, jeħtieġ li jkollhom influwenza kbira fid-dinja għal

li ġej; imma bħala ommijiet, u bħala ommijiet biss.

F'"Uħux" jidher il-mard li jintiret. Il-marda tal-missier mejjet titfaċċa f'ibnu Oswald; il-missier miet imma l-mard tiegħu għadu ħaj u jeqred lill-ibnu. Hekk ukoll is-soċjetà, u dan jgħodd għalina, jekk trid tibda ħajja ġdida hemm bżonn li tinqata' mill-*Uħux* tal-imgħoddi; għax dawn jistgħu minn mument għall-ieħor jitfaċċaw u jfixkluna. U aħna f'Malta llum jeħtieġ li nħallu l-imgħoddi wrajna u nħarsu, mhux lura, imma 'l quddiem għal ħajja ġdida u aħjar.

Ibsen kien jemmen fl-individwu; u dan jemmnu kull artist li jixraqlu jissejjaħ hekk. Emmen dan u ġġieled għalih fi żmienna Chesterton; kien jemmen b'ruħu kollha Keats, kif jidher mill-ittri u mill-poeżija tiegħu. U din hi forsi r-raġuni għaliex din il-gwerra ma tatx u ma tistax tagħti kittieba tajbin; għax il-kittieb, u mhux il-kittieb biss, ma jistax igħix jekk ma jkunx, f'ruħu magħżul mill-merħla. Ibsen għandu xi jgħid fuq dan: *Brand* hi l-istorja ta' qassis li ma jitwiegħer minn xejn biex jagħmel dak li jidhirlu li hu sewwa. Brand hu s-simblu tal-fehma qawwija, mill-banda l-oħra f'*Peer Gynt* tidher il-fehma li tixxengel u li mħabba f'hekk taqa'. Imma d-duttrina ta' Ibsen taqta' l-iktar fl-"Għadu tal-Poplu". Dr. Stockman, l-għadu tal-poplu, bħala tabib jinduna li l-ilma tal-banjijiet pubbliċi fejn kienu jmorru ħafna nies għas-saħħa u li kienu l-għajxien ta' dik il-belt, kien ħażin u li flok ġid kien qed jagħmel deni. Hu, b'rieda tajba li jagħmel il-ġid dan jgħidu; imma wieħed, wieħed jara l-ħbiebu jduru fuqu u n-nies tal-belt kollha jagħmlu għalih u jħaġġruh. Dr. Stockman jisfa' waħdu, u waħdu, jasal għal din il-konklużżjoni, li hi wkoll il-fehma ta' Ibsen li "l-isbaħ bniedem hu dak li hu dejjem waħdu". Għall-ħelsien mit-tagħlim ta' dawk li jridu jiddettaw u jmexxu l-imrieħel, qed naraw id-demm jiġri mat-triqat ta' l-Ewropa; imma ebda ġid ma jista' joħroġ minn din il-gwerra jekk aħna nibqgħu nemmnu li ċ-Ċiviltà u l-Progress, jistgħu, minnhom infushom, imexxuna 'l quddiem; jekk ma nemmnux li l-ewwel ġebla tas-soċjetà hu l-individwu, u li, ma' Kristu, il-progress li nistgħu nagħmlu hu wieħed, progress fl-imħabba.

Ibsen għandu ħafna x'jgħidilna: il-Bennej jaf u nistgħu nitgħallmu ħafna minn għandu x'neħtieġu qabel nibdew nibnu *djar għal bnedmin*: imma hu bena wkoll *torrijiet fl-ajru* u dawn, jekk ma nistgħux nidħlu fihom għaliex imbegħdin minna, narawhom għallinqas minn barra, darb'oħra. Imma qabel nagħalqu hemm mistoqsija li trid titwieġeb: għalfejn immorru għand kittieb

drammatiku, u fuq kolox għand wieħed imbiegħed daqshekk minna biex nifhmu l-problemi tagħna llum? Hemm bżonn: għax l-istatistiki jagħtuna biss numri u n-numri huma mejtin. Imma l-kittieb jagħtina bnedmin: nisa u rġiel iktar ħajjin minn dawk li niltaqgħu magħhom kulljum. Jagħtina s-sabiħ u s-sabiħ u s-sewwa huma ħaġa waħda—*Beauty is truth, truth Beauty*. Huma biss jistgħu jeħilsuna.

17-II-44.